Il-Kummissjoni Ewropea




# IL-ĠIMGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILIET VOKAZZJONALI

**2019** | Manwal

*Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni*

# Paletta tal-kuluri

## UNIKA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| CMYK | 0 50 100 0 | 100 95 25 13 | 85 50 0 0 | 70 15 0 0 |
| RGB | 243 146 0 | 41 44 105 | 29 113 184 | 54 169 225 |
| HEX | #f39200 | #292c68 | #1d70b7 | #36a9e0 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| CMYK | 35 100 35 10 | 0 95 20 20 | 15 100 90 10 | 0 100 100 0 |
| RGB | 163 25 91 | 196 27 98 | 190 22 34 | 227 6 19 |
| HEX | #a2195b | #c31b61 | #be1621 | #e30513 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| CMYK | 90 30 95 3 0 | 50 0 100 0 | 0 48 100 0 | 0 0 100 0 |
| RGB | 0 102 51 | 149 193 31 | 244 150 0 | 255 237 0 |
| HEX | #006532 | #95c11e | #f39600 | #ffed00 |

| | | |
|---|---|---|
| CMYK | 0 0 0 60 | 100 84 8 0 |
| RGB | 135 135 135 | 0 51 153 |
| HEX | #878786 | #203c89 |

## GRADJENTI

# Tipografija

Il-familja tal-font Arial għandha tintuża għall-materjal promozzjonali kollu għal avvenimenti **li ma jiġux** organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm tliet tipi ta' ħxuna tal-font Arial u kull wieħed għandu użu speċifiku:

- Arial Regular: It-test ewlieni kollu
- Arial Bold: Kwalunkwe informazzjoni prinċipali li tkun teħtieġ li tiġi enfasizzata
- Arial Black: It-titli kollha

Il-familja ta' fonts EC Square Sans Pro għandhom jintużaw biss għal materjal promozzjonali għal avvenimenti lijiġ**u** organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm erba' tipi ta' ħxuna tal-font ta' EC Square Sans Pro u kull wieħed għandu użu speċifiku:

- EC Square Sans Pro Light u Regular: It-test ewlieni kollu
- EC Square Sans Pro Medium: Kwalunkwe informazzjoni prinċipali li tkun teħtieġ li tiġi enfasizzata
- EC Square Sans Pro Bold: It-titli kollha

Għall-materjali promozzjonali maħluqa bl-użu ta' programmi mill-Microsoft Office Suite bħall-Word jew il-PowerPoint, għandu jintuża l-Arial anke jekk il-materjali jiġu prodotti għal avvenimenti li huma organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea.

MATERJALI PROMOZZJONALI GĦAL AVVENIMENTI LI MHUMIEX ORGANIZZATI/KOORGANIZZATI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

Arial Regular

abcdefghijklmnopqrstuvwxyz
ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ
1234567890!"£$%^&*()-+=|\<>?/

Arial Bold

**abcdefghijklmnopqrstuvwxyz**
**ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ**
**1234567890!"£$%^&*()-+=|\<>?/**

Arial Black

**abcdefghijklmnopqrstuvwxyz**
**ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ**
**1234567890!"£$%^&*()-+=|\<>?/**

MATERJALI PROMOZZJONALI GĦAL AVVENIMENTI LI HUMA ORGANIZZATI/KOORGANIZZATI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

EC Square Sans Pro Light

abcdefghijklmnopqrstuvwxyz
ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ
1234567890!"£$%^&*()-+=|\<>?/

EC Square Sans Pro Regular

abcdefghijklmnopqrstuvwxyz
ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ
1234567890!"£$%^&*()-+=|\<>?/

EC Square Sans Pro Medium

abcdefghijklmnopqrstuvwxyz
ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ
1234567890!"£$%^&*()-+=|\<>?/

EC Square Sans Pro Bold

**abcdefghijklmnopqrstuvwxyz**
**ABCDEFGHIJKLMNOPQRSTUVWXYZ**
**1234567890!"£$%^&*()-+=|\<>?/**

# L-istil viżiv tal-2019

L-istil viżiv jikkonsisti mill-elementi tal-immarkar prinċipali tal-kampanja għall-promozzjoni tal-Ġimgħa. Dan se jkun preżenti fil-komunikazzjonijiet u fil-midja kollha, u tista' tuża wkoll l-elementi tal-istil fl-attivitajiet promozzjonali tiegħek. Dan id-dokument jispjega kif għandek tuża l-elementi viżivi.

## Kif se jaħdem?

L-istil viżiv għandu tliet elementi prinċipali: l-istrixxa tat-titolu tal-kampanja, il-hashtags u l-frejms tal-petali kkuluriti għall-immaġnijiet. It-tliet elementi huma intiżi biex ikunu versatili u għalhekk jistgħu jintużaw b'mod indipendenti jew kollettiv.

### IT-TITLU TAL-KAMPANJA

L-istrixxa tat-titlu tal-kampanja tal-2019 tuża l-istess arranġament tal-petali mis-snin ta' qabel, li ġie maqtugħ fuq in-naħa tal-lemin tal-istrixxa biex joħloq element grafiku identifikabbli. Din l-istrixxa tat-titlu ma għandhiex tintuża jew tiġi trattata bħala logo.

### KIF IT-TITLU TAL-KAMPANJA GĦANDU JINTUŻA

L-istrixxa tat-titlu tal-kampanja għandha żewġ varjazzjonijiet tal-kulur li jistgħu jintużaw, l-abjad u l-blu skur. L-istrixxi issa huma disponibbli bil-lingwi tal-UE kollha u jistgħu jitniżżlu minn hawnhekk.

Għandu jkun hemm żona ta' esklużjoni madwar l-istrixxa ta' nofs it-tul tal-istrixxa. Dan jiżgura li t-titlu tal-kampanja jkun jista' jidher b'mod ċar u jevita li d-disinji jidhru f'xulxin.

**Strixxi tat-titli tal-kampanja – bojod u blu skur**






## IL-MESSAĠĠ TAL-KAMPANJA (HASHTAGS)

Il-hashtags tal-kampanja huma #EUVocationalSkills u #DiscoverYourTalent. Dawn il-hashtags, individwalment jew flimkien, iridu jkunu preżenti fl-outputs kollha assoċjati mal-Ġimgħa.

### KIF GĦANDHOM JINTUŻAW IL-HASHTAGS

Il-hashtags jistgħu jintużaw b'żewġ modi: jew akkumpanjati minn linja għat-tond, kif muri hawn taħt, jew waħedhom f'linja dritta. F'każijiet fejn il-hashtags ma jsegwux il-linja għat-tond tal-forma ta' petala, għandhom jintwerew f'linja dritta. Il-hashtag tista' titniżżel minn hawnhekk.




Hashtag akkumpanjata minn linja għat-tond




Hashtag f'linja dritta

## IL-FREJM TAL-ARRANĠAMENT TAL-PETALI

Il-frejms tal-arranġament tal-petali għandhom jintużaw biex jiġi enfasizzat il-fokus prinċipali ta' immaġni. Huma jistgħu jintużaw f'varjeta ta' materjali inklużi posts tal-midja soċjali, pubblikazzjonijiet u preżentazzjonijiet.

### KIF GĦANDU JINTUŻA L-FREJM TAL-ARRANĠAMENT TAL-PETALI

Hemm sitt opzjonijiet għat-tqassim tal-frejms, li jistgħu jiġu adattati biex jaqblu mal-immaġni magħżula dejjem sakemm il-forma tal-petala tal-frejm tibqa' intatta. Dawn l-opzjonijiet jaqgħu fi tliet kategoriji:

- **Kulur solidu:** L-ewwel żewġ opzjonijiet jużaw frejm ta' kulur solidu (eżempji 1 u 2).
- **Opaċità ta' 90 %:** It-tieni żewġ opzjonijiet jużaw filtru ta' kisi ssettjat għal opaċità ta' 90 % (l-eżempji 3 u 4).
- **Effett ta' multiplikazzjoni:** Iż-żewġ opzjonijiet finali jużaw filtru tal-kisi b'effett ta' multiplikazzjoni (l-eżempji 5 u 6). Tista' ssib kif toħloq effett ta' multiplikazzjoni billi ssegwi t-tutorial hawnhekk.

L-opzjonijiet tal-frejms tal-arranġamenti tal-petali kollha jistgħu jitniżżlu minn hawnhekk.


















# L-identità fil-prattika:

## Materjali promozzjonali għal avvenimenti li mhumiex organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea

### POSTERS U STRIXXUNI FUQ IL-WEB

L-istrixxa tat-titlu tal-kampanja l-bajda bil-petali kkuluriti għandha tintuża fuq il-biċċa l-kbira tad-disinni, filwaqt li l-frejms tal-arranġamenti tal-petali kkuluriti għandhom jintużaw biex jiġbdu l-għajn lejn in-nies fir-ritratt.

Ir-ritratti jgħandhom juru sitwazzjonijiet u ambjenti tal-ħajja vera. Minħabba li t-tema ta' din is-sena hija "ETV għal Kulħadd – Ħiliet għal matul il-Ħajja", għandha tintuża firxa wiesgħa ta' immaġnijiet ta' kwalità tajba biex jirriflettu dan, b'taħlita ta' individwi u gruppi fl-għażla.

#EUVocationalSkills u #DiscoverYourTalent huma l-hashtags prinċipali għall-kampanja. Meta jiżdiedu hashtags oħrajn max-xogħol artistiku, dawn jgħandhom ikunu iżgħar u anqas prominenti minn dawk prinċipali tal-kampanja.

### DOKUMENTI TAL-WORD U PREŻENTAZZJONIJIET TAL-POWERPOINT

Għad-dokumenti tal-Word u l-preżentazzjonijiet tal-PowerPoint għal avvenimenti li mhumiex organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea, iridu jintużaw l-elementi li ġejjin biex l-immarkar jinżamm konsistenti: kaver ta' quddiem bi frejm tal-petali; strixxa tat-titlu tal-kampanja u paletta tal-kuluri konsistenti. Il-paġni/l-islajds kollha li jsegwu jridu jżommu paletta tal-kulur li taqbel ma dik li tintuża fuq il-kaver ta' quddiem. Għall-pubblikazzjonijiet, it-test b'mod ġenerali għandu jinżamm għal struttura ta' kolonna waħda b'ħafna spazju abjad fil-marġnijiet u d-daqs tat-test ma għandux ikun iżgħar minn 9 punti għall-korp tat-test.









# L-identità fil-prattika:

## Materjali promozzjonali għal avvenimenti li huma organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea

### IL-MATERJALI KOLLHA

L-eżempji ta' hawn taħt juru materjal prodott mill-Kummissjoni Ewropea għall-promozzjoni tagħha stess tal-Ġimgħa. Għall-avvenimenti li huma organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea, l-organizzaturi esterni għandhom jużaw il-poster u l-opzjonijiet tal-midja soċjali kif jidher hawn taħt. Jekk ikun meħtieġ li informazzjoni dwar avveniment speċifiku tiġi inkluża, din titqiegħed fil-parti l-griża. Il-poster ġie tradott fil-lingwi kollha tal-UE, li jistgħu jitniżżlu minn hawnhekk.

Il-logo tal-Kummissjoni Ewropea għandu jidher bil-frażi li ġejja: "Il-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Vokazzjonali hija inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea" meta l-avveniment jiġi organizzat/koorganizzat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-logos u l-ekwivalenti f'lingwi differenti, kif ukoll il-linji gwida dwar kif tuża l-logo, jistgħu jitniżżlu minn hawnhekk.

### DOKUMENTI TAL-WORD U PREŻENTAZZJONIJIET TAL-POWERPOINT

Għal dokumenti tal-Word u preżentazzjonijiet tal-PowerPoint għal avvenimenti li huma organizzati/koorganizzati mill-Kummissjoni Ewropea nħolqu mudelli apposta li fihom paletti tal-kulur u grafika stabbiliti.







